# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lilna lkoll, hu x'inhu t-twemmin tagħna, biex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-kulturi kollha jirrispettaw id-drittijiet u d-dinjità tal-mara.**

**Inġabar:**

Insib pożizzjoni komda u nikkalma. Nirringrazzja 'l Alla tan-nies li jkunu miegħi ta' kuljum. Nieħu ż-żmien biex nirringrazzjah ta' kull wieħed u waħda minnhom.

**Fatt ċkejken:**

Rachel u Anne kienu tewmin. Iżda Rachel kienet il-favorita kemm ta' ommha u kif ukoll ta' missierha. Kienet intelliġenti, sabiħa u kreattiva. L-omm kienet tqatta' sigħat twal ma' Rachel biex tirfina t-talent mużikali tagħha. Il-familja kienet imkabbra ħafna b'Rachel.



Għal Anne kien kollox totalment differenti. Sikwit kienu jagħtuha attakki tal-ażma u ma kinitx tmur tajjeb fl-iskola. Billi kienet ta' natura kwieta u riservata, qatt ma ttantat tniżżel lil Rachel mit-tron tal-glorja, li poġġewha fuqu l-ġenituri bl-imħabba u attenzjoni kbira li kienu jagħtuha. Anne kienet issofri fil-kwiet.

Meta missier Rachel u Anne miet ta' età żgħira, l-omm reġgħet iżżewġet. It-tieni raġel kien barka minn Alla għal Anne. Għaraf il-ġmiel intern ta' Anne u l-umiltà tagħha. Inkoraġġieha kemm seta', u kien ta' għajnuna kbira għaliha sakemm saret tabiba magħrufa. Bil-kura affettiva li ta lil Anne, ġedded fiha d-dinjità tagħha u saret persuna aktar sħiħa.

**Naħseb ftit:**

Nistħajjel lili nnifsi flok Anne: ftit li xejn jagħtu kasi u jieħdu ħsiebi għax id-dehra tiegħi mhix bħal ta' ħaddieħor.

Nagħraf is-sentimenti kollha li qed inħoss minħabba dan il-ħsieb. Issa niftakar fl-uġigħ kbir li jħossu numru kbir ta' nisa li jiġu mwarrba u mkasbra minħabba l-apparenza, il-kulur tal-ġilda, ir-razza, l-edukazzjoni jew il-kultura.

Inġib quddiem għajnejja xi ħabiba tiegħi li nħoss li qed jiskartawha jew iwaqqgħuha għaċ-ċajt. X'parir nagħtiha?

**Nitlob:**

Għallimna Mulej niddefendu d-dinjità tan-nisa, l-aktar dawk vittmi ta' abbuż fiżiku jew emozzjonali.

*Nieqaf ftit u mbagħad ngħid talba jien ukoll dwar dak li qed inħoss. Jekk qegħdin grupp, nistgħu naqsmu t-talb flimkien.*

**Kliem ta' dawl:**

Nippreferi nkun waħdi bid-dinjità milli f'relazzjoni li tneħħili kull rispett tiegħi nnifsi.

(Mandy Hale)

**X'nista' nagħmel:**

Kull membru tal-familja jista' jniżżel tliet aġġettivi li jiddeskrivu l-effett li l-omm (jew mara oħra) għandha fuq il-ħajja tad-dar. Wara, il-membri jistgħu jgħiduhom lil xulxin.